A.L. 353 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' 2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 15(1), (3), (4) u (5) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titlu, skop u bidu

1. (1) It-titlu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Hajjin u Prodotti.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC dwar verifiki veterinarji u żootekniċi għall-kummerċ intra-komunitarju ta' annimali ħajjin u prodotti għall-ikkompletar tas-suq intern.

(3) Verifiki veterinarji li għandhom jitwettqu fuq annimali ħajjin u prodotti li huma koperti permezz tal-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropeja elenkati fl-Anness A jew fuq dawk riferiti fl-ewwel paragrafu tar-regolament 16 u li huma maħsuba għal kummerċ ma' Stati Membri ma għandhomx jitwettqu, mingħajr preġudizzju għar-regolament 7, fuq il-fruntieri iżda jitwettqu skond dawn ir-regolamenti.

Barra minn dan, verifiki fuq dokumenti żootekniċi huma soġġetti għar-regoli ta' kontroll imfassla permezz ta' dawn ir-regolamenti.

Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jaffettwaw verifiki mwettqa bħala parti mill-ħidmiet magħmula b'mod mhux diskriminatorju minn awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni ġenerali ta' liġijiet fit-territorju ta' Malta.

Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal verifiki veterinarji fuq movimenti ma' Stati Membri ta' *pets* akkumpanjati minn u taħt ir-responsabiltà ta' persuna naturali, meta movimenti bħal dawn mhumiex is-suġġett ta' transazzjoni kummerċjali.

Tifsir

2. Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti -

(1) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti biex twettaq verifiki veterinarji jew żootekniċi jew xi awtorità li lilha tkun delegata dik il-kompetenza; f'Malta, l-awtorità kompetenti hija rappreżentata mis-Servizz Veterinarju;

(2) "ċentru jew organizzazzjoni" ifissru kull impriża li tipproduċi, taħżen, tiproċessa jew timmaneġġja l-prodotti riferiti fir-regolament 1;

(3) "fond" għandu jfisser stabbiliment agrikolu jew bini ta' negozjant, kif definit bir-regoli nazzjonali fis-seħħ, li jkun jinstab fit-teritorju ta' Malta u li fih l-annimali riferiti fl-Iskedi A u B, bl-eċċezzjoni ta' *equidae*, ikunu maqfula jew regolarment miżmuma u l-fond kif definit fl-artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/426/EEC dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' *equidae* ħajjin minn pajjiżi terzi.

(4) "kummerċ" għandu jfisser skambji bejn it-territorju ta' Malta u Stati Membri;

(5) “test żootekniku” għandu jfisser kull formalità fiżika u, jew amministrattiva li tapplika għall-annimali koperti bir-regolamenti msemmija fis-sezzjoni II ta’ l-Iskeda A u li tkun maħsuba għal titjib dirett jew indirett tar-razez;

(6) “veterinarju uffiċjali” għandha tfisser il-veterinarju maħtur mill-awtorità kompetenti.

(7) “verifika veterinarja” għandha tfisser verifika fiżika u, jew formalità amministrattiva li tapplika għall-annimali jew prodotti riferiti fir-regolament 1 u li hija maħsuba għall-protezzjoni, diretta jew b’mod ieħor, tas-saħħa pubblika jew ta’ l-annimali,

Aktar minn hekk, għal-iskop ta’ dawn ir-regolamenti “sieħeb fil-kummerċ” kif imniżżel fl-artikolu 2 ta’ l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji għandu jfisser biss:-

(a) Stati Membri tal-Komunita Ewropeja;
(b) Pajjizi terzi għal-Komunita Ewropeja;

fejn huwa rilevanti.

KAPITOLU I
Verifiki fl-oriġini

Annimali u prodotti li jistgħu jkunu soġġetti għall-kummerċ

3. (1) Fit-territorju ta’ Malta, l-annimali u l-prodotti biss riferiti fir-regolament 1 li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu suġġett ta’ kummerċ -

(a) l-annimali u l-prodotti riferiti fl-Iskeda A għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-legislazzjoni Komunitarja rilevanti elenkati fl-imsemmi Skeda u l-annimali u l-

(d) prodotti riferiti fl-Iskeda B iridu jsegwu l-ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali ta' l-Istat Membru destinatarju;

(b) għandhom jiġu minn fondi, ċentri jew organizzazzjonijiet li huma soġġetti għal verifiki veterinarji uffiċjali skond is-sub-regolament (3);

(ċ) għandhom, min-naħa l-oħra, jkunu identifikati skond il-ħtiġiet tar-regoli tal-Komunita Ewropea u, fuq in-naħa l-oħra, ikunu reġistrati b'mod li l-fond, ċentru jew organiżżazzjoni oriġinali jew ta' tranżitu, jistgħu jkunu traċċati;
Is-Servizzi Veterinarji jridu jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiggarantixxu li l-identifikazzjoni u s-sistema ta' registrazzjoni li tiġi applikata għall-kummerċ intra-komunitarju jiġu estiżi għal moviment ta' l-annimali ġewwa t-teritorju ta' Malta.

(d) għandhom, meta jinġarru, ikunu akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa u, jew xi dokumenti oħra kif provdut fir-regoli tal-Komunita Ewropea riferiti fl-Iskeda A u, għall-annimali u l-prodotti l-oħra, mir-regoli ta' l-Istat Membru destinatarju;

Dawk iċ-ċertifikati jew dokumenti, maħruġa mill-veterinarju uffiċjali responsabbli mill-fond, ċentru jew organiżżazzjoni ta' oriġini u, fil-każ ta' dokumenti meħtieġa mil-leġislazzjoni żooteknika riferita fis-sezzjoni II ta' l-Iskeda A, mill-awtorità kompetenti, għandhom jakkumpanjaw l-annimal, l-annimali u l-prodotti lejn id-destinazzjoni tiegħu, jew tagħhom;

(e) annimali suxxettibbli, jew prodotti minn annimali suxxettibbli, ma għandhomx joriġinaw:

(i) minn fondi, ċentri jew organizzazzjonijiet, żoni jew reġjuni li huma soġġetti għal restrizzjonijiet determinati skond ir-regoli tal-Komunita

Ewropea, fejn applikabbli, għall-annimali konċernati jew prodotti mill-annimali konċernati minħabba s-suspett, it-tfaqqigħ jew l-eżistenza ta' marda riferita fl-Iskeda Ċ jew minħabba l-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja;

(ii) minn fond, ċentru, organizzazzjoni, żona jew reġjun li huwa s-suġġett ta' restrizzjonijiet uffiċjali minħabba s-suspett, it-tfaqqigħ jew l-eżistenza ta' marda, barra minn dawk riferiti fl-Iskeda Ċ jew ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja;

(iii) fil-każijiet fejn huma maħsuba għal fondi, ċentri jew organizzazzjonijiet li jinstabu fl-Istati Membri li jkunu kisbu garanziji taħt l-artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/432/EEC jew regoli oħra ekwivalenti mar-regoli tal-Komunita Ewropea li jkunu ġew jew ikunu ser jiġu adottati jew fi Stat rikonoxxut, bil-legislazzjoni Komunitarja bħala ħieles, fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, ta' marda, minn fond li ma jipprovdix il-garanziji li jistgħu ikunu meħtieġa minn dak l-Istat Membru dwar il-mardiet l-oħra barra dawk elenkati fl-Iskeda Ċ;

(iv) meta jkunu maħsuba għal Stat Membru jew parti mit-territorju ta' Stat Membru li jkun ibbenefika minn garanziji taħt l-artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/432/EEC jew regoli tal-Komunita Ewropeja ekwivalenti oħra li ġew jew ikunu ser jiġu adottati minn fond, ċentru jew organizzazzjoni u, jekk kemm-il darba jqum il-każ, minn parti mit-territorju li ma joffrix il-garanziji addizzjonali provduti.

Is-Servizz Veterinarju għandu jiżgura, qabel ma joħroġ iċ-ċertifikat jew dokument li jakkumpanja, li l-fondi, ċentri jew organizzazzjonijiet isegwu l-ħtiġijiet provduti f'dan il-punt;

(f) fejn l-operazzjoni ta' trasport tinvolvi varji postijiet ta' destinazzjoni, l-annimali u l-prodotti jridu jinġabru flimkien f'kunsinni daqs kemm hemm postijiet ta' destinazzjoni. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata miċ-ċertifikati u, jew dokumenti riferiti fis-sub-regolament (d);

(ġ) fejn l-annimali u l-prodotti koperti mill-legislazzjoni tal-Komunita Ewropea mniżżla fl-Iskeda A li jsegwu r-regoli tal-Komunita Ewropea, huma maħsuba għal esportazzjoni lejn pajjiż terz minn ġot-territorju ta' Stat Membru, l-operazzjoni ta' trasport trid, ħlief f'każijiet ta' bżonn urġenti, tkun awtorizzata kif meħtieġ mis-Servizz Veterinarju sabiex ikun żgurat li l-ħarsien ta' l-annimali jibqa' taħt is-superviżjoni tad-dwana sakemm jinħarġu mit-territorju tal-Komunita Ewropeja, skond l-arranġamenti dettaljati li jitfasslu taħt ir-rekwiżiti tal-Komunita Ewropeja u taħt il-proċedura mniżżla taħt l-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Barra minn dan, fil-każijiet ta' annimali u prodotti li ma jsegwux ir-regoli tal-Komunita Ewropea jew annimali u prodotti riferiti fl-Iskeda B, jista' jsir transitu biss jekk dan ikun ġie espressament awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' transitu.

(2) Fit-territorju ta' Malta l-awtorita kompetenti għandha tiżgura -

(a) l-annimali u l-prodotti riferiti fir-regolament 1 li jistgħu jiġu maqtula taħt programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard mhux riferit fl-Iskeda Ċ ma jintbagħtux lejn it-territorju ta' Stat Membru;

(b) l-annimali u l-prodotti riferit fl-Iskeda A jew l-annimali u l-prodotti riferiti fl-Iskeda B ma jintbagħtux lejn it-teritorju ta' Stat Membru jekk ma jistgħux jinbiegħu fit-territorju tagħhom stess għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' saħħa ta' l-annimali, ġustifikati minn Trattat.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet ta' monitoraġġ mogħtija lill-veterinarju uffiċjali taħt il-legislazzjoni tal-Komunita Ewropea, l-awtorita kompetenti għandu jwettaq verifiki fuq il-fondi, swieq approvati u ċentri ta' ġabra, ċentri jew organizzazzjonijiet, sabiex jissodisfa lilu nnifsu li l-annimali u l-prodotti maħsuba għall-kummerċ jaqblu mal-ħtiġijiet tal-Komunita Ewropea ta' kummerċ u b'mod partikolari jsegwu l-kondizzjonijiet imfassla fis-sub-regolament 1(ċ) u (d) dwar l-identifikazzjoni.

Fejn hemm bażi ta' suspett li dawn il-ħtiġijiet ma jkunux qed jiġu segwiti, l-awtorita kompetenti għandha jwettaq il-verifiki meħtieġa u, jekk is-suspett ikun konfermat, jieħu l-miżuri meħtieġa, li jistgħu jinkludu iżolament tal-fond, ċentru jew organiżżazzjoni nkwistjoni.

(4) Jistgħu jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, b'mod partikulari biex jieħdu kont ta' l-ispeċi konċernati, taħt ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Miżuri li għandhom jittieħdu mis-Servizzi Komunitarji

4. (1) Fit-territorju ta' Malta bħala Stat Membru ta' transitu, is-Servizz Veterinarju għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li -

(a) dawk li jżommu *livestock* u prodotti riferiti fir-regolament 1 isegwu l-ħtiġiet ta' saħħa jew żootekniċi nazzjonali jew tal-Komunita Ewropea riferiti f'dawn ir-reolamenti, fl-istadji kollha ta' produzzjoni jew ta' bejgħ;

(b) l-annimali u l-prodotti riferiti fl-Iskeda A huma verifikati ta' l-anqas tajjeb, mil-lat veterinarju, daqs li kieku kienu maħsuba għas-suq nazzjonali, sakemm ma jkunx speċifikament provdut mod bir-regoli tal-Komunita Ewropea;

(ċ) l-annimali huma trasportati f'mezz ta' trasport adatt li jissodisfa r-regoli ta' iġjene.

(2) Is-Servizz Veterinarju li joħroġ iċ-ċertifikat jew dokument li jakkumpanja l-annimali u l-prodotti għandu jikkomunika, fil-jum li fih inħarġu u permezz tas-sistema komputerizzata ANIMO, lill-awtorità kompetenti ċentrali ta' l-Istat Membru destinatarju u lill-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni, id-*data* meħtieġa li huma mitluba minn din is-sistema ta' informazzjoni tal-Komunita Ewropea.

(3) Miżuri xierqa biex jippenalizzaw xi ksur ta' leġislazzjoni veterinarja jew żooteknika minn persuni naturali jew legali fejn jinstab li r-regoli tal-Komunita Ewropea ġew miksura, u b'mod partikulari fejn jinstab li ċertifikati, dokumenti jew marki ta' identifikazzjoni ma jikkorrispondux ma' l-*istatus* ta' l-annimali jew tal-fondi ta' oriġini tagħhom jew mal-karatteristiċi attwali tal-prodotti, skond il-proċeduri mniżżla fil-Kapitolu IX ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

KAPITOLU II
Verifiki mal-wasla fid-destinazzjoni

Miżuri ta' spezzjoni li jridu jiġu mplimentati fit-territorju ta' Malta

5. (1) Il-miżuri ta' spezzjoni li ġejjin iridu jiġu implimentati fit-territorju ta' Malta bħala Stat Membru ta' destinazzjoni għal annimali u prodotti ġejjin minn Stati Membri -

(a) is-Servizz Veterinarju jista', fil-postijiet ta' destinazzjoni ta' annimali u prodotti, jistabbilixxu permezz ta' verifiki għall-għarrieda li mhumiex diskriminatorji, li l-ħtiġijiet ta' leġislazzjoni ta' saħħa ta' l-annimali u ta' saħħa pubblika fi Stati Membri li jikkorrispondu mar-regolament 3 tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 90/425/EEC, ikunu segwiti; fl-istess ħin jista' jieħu kampjuni.

Barra minn dan, jistgħu jitwettqu verifiki matul il-ġarr ta' annimali u prodotti fit-territorju ta' Malta fejn ikunu in-tranżitu jew destinatati, is-Servizzi Veterinarji jkollha informazzjoni li tissuspetta ksur ta' liġi;

(b) barra minn dan, fejn l-annimali riferiti fir-regolament 1 u li joriġinaw minn Stat Membru huma maħsuba -

(i) għal suq jew ċentru ta' ġabra approvat kif definit fir-regoli tal-Komunita Ewropea, l-operatur tiegħu għandu jkun responsabbli għad-dħul ta' annimali li ma jsegwux il-ħtiġijiet ta' leġislazzjoni ta' saħħa ta' l-annimali u ta' saħħa pubblika fl-Istati Membri li tikkorrispondi mar-regolament 3(1) li jikkonċerna il-kondizzjonijiet għal annimali u prodotti li huma soggetti għall-kummerċ. Is-Servizz Veterinarju jrid jivverifika, permezz ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji taċ-ċertifikati jew dokumenti li jakkumpanjaw l-annimali, li l-annimali jsegwu l-ħtiġiet imsemmija;

(ii) għal biċċerija mqiegħda taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali, dan ta' l-aħħar irid jiżgura, b'mod partikulari fuq il-bażi taċ-ċertifikat jew dokument li jakkumpanjahom, li jkunu maqtula biss l-annimali li jsegwu l-ħtiġijiet tal-leġislazzjoni dwar saħħa ta' l-annimali u saħħa pubblika fl-Istati Membri li jikkorrispondu mar-regolament 3(1).
L-operatur tal-biċċerija għandu jkun responsabbli biex jinqatlu annimali li ma jsegwux il-ħtiġiet tal-leġislazzjoni ta' saħħa pubblika u ta' saħħa ta' l-annimali fl-Istati Membri li jikkorrispondu mar-regolament 3(1)(ċ) u (d) dwar l-identifikazzjoni u registrazzjoni ta' annimali u prodotti u ċ-ċertifikati u dokumenti li jakkumpanjawhom;

(iii) għal negozjant reġistrat li jaqsam il-kunsinni tiegħu jew għal xi stabbiliment mhux soġġett għal superviżjoni permanenti, dan in-negozjant

jew stabbiliment għandu jitqies mis-Servizz Veterinarju bħala min jirċievi l-annimali u għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet imniżżla fit-tieni sub-paragrafu;

(iv) għal fondi, ċentri jew organizzazzjonijiet li jinkludu, fejn il-kunsinna tkun parzjalment imħotta matul il-ġarr, kull annimal jew grupp ta' annimali jrid ikun akkumpanjat, skond ir-regolament 3, mill-oriġinal taċ-ċertfikat tas-saħħa jew tad-dokument li jakkumpanjahom sakemm jasal għand min se jirċievi hemm imsemmi.

Min jirċievi l-kunsinna riferiti f'punti (iii) u (iv) hawn fuq, qabel ma l-kunsinna tinqasam jew tkun sussegwentement imqiegħda fuq is-suq, jivverifika li jkunu preżenti l-marki ta' identifikazzjoni, ċertifikati jew dokumenti riferiti fir-regolament 3(1) (ċ) u (d) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC, jinnotifikaw lis-Servizz Veterinarju dwar xi irregolarità jew anomalija u, f'dan il-każ, jiżolaw l-annimali in kwistjoni sakemm l-awtorità kompetenti tkun ħadet deċiżjoni dwarhom.

Il-garanziji li jridu jingħataw minn min jirċievi riferiti f'punti (iii) u (iv) hawn qabel għandhom ikunu speċifikati fi ftehim mas-Servizz Veterinarju li jkun iffirmat fil-ħin ta' l-ewwel reġistrazzjoni provdut fir-regolament 13. Is-Servizz Veterinarju għandu jwettaq verifiki għall-għarrieda biex jivverifika qbil ma' dawk il-garanziji.

Dan il-punt għandu japplika *mutatis mutandis* għal min jirċievi prodotti riferiti frir-regolament 1.

(2) Dawk kollha li jirċievu, li jidhru fuq iċ-ċertifikat jew dokument provdut fir-regolament 3(1)(d) -

(a) iridu, fuq talba tas-Servizz Veterinarju u sakemm ikun meħtieġ biex jitwettqu l-verifiki riferiti fis-sub-regolament (1), jirrapurtaw minn qabel il-wasla ta' l-

annimali u l-prodotti minn Stati Membri u, b'mod partikolari, ix-xorta tal-kunsinna u d-data mistennija tal-wasla.

Madanakollu, il-limitu ta' żmien għan-notifika għandu, bħala regola ġenerali, ma jkunx aktar minn ġurnata; minkejja dan, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, is-Servizz Veterinarju jista' jitlob notifika ta' jumejn bil-quddiem.

Din in-notifika m'hix meħtieġa għal żwiemel reġistrati li jkollhom dokument ta' identifikazzjoni provdut fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/427/EEC;

(b) għandhom iżommu għal perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur, li għandu jkun speċifikat mis-Servizz Veterinarju, iċ-ċertifikati jew dokumenti ta' saħħa riferiti fir-regolament 3, sabiex ikunu ppreżentati lill-awtorità kompetenti fuq talba tagħha.

(3) Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Regoli għall-kwarantina

6. (1) Fejn ir-regoli tal-Komunita Ewropea jew, f'żoni li ma jkunux għadhom jaqblu ma' l-Istati Membri, disposizzjonijiet nazzjonali li jaqblu mar-regoli generali tal-Komunita Ewropea li jigvernaw il-kummerċ tal-Istati Membri, jeħtieġu li annimali ħajjin jitqiegħdu fi kwarantina, din għandha normalment issir fuq il-fond destinatarju.

(2) Stazzjon ta' kwarantina jista' jintuża jekk dan ikun ġustifikat mil-lat veterinarju. Dan l-istazzjon għandu jitqies bħala l-post ta' destinazzjoni tal-kunsinna. Is-Servizz Veterinarju għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bir-raġunijiet li fuqhom tkun ittieħdet din l-azzjoni.

(3) Obbligi dwar il-kwarantina u fejn din issir għandhom ikunu speċifikati fil-ħtiġijiet veterinarji riferiti fit-tieni sub-paragrafu tar-regolament 16.

Miżuri li għandhom jittieħdu mit-teritorju ta' Malta fuq verifiki magħmula fil-postijiet fejn l-annimali u l-prodotti mniżżla taħt l-iskeda 1 minn pajjiż terz jisgħu jiġu miġjuba fit-territorju ta' Malta

7. (1) Fit-territorju ta' Malta, matul il-verifiki li jitwettqu fil-postijiet fejn annimali u prodotti mniżżla taħt ir-regolament 1, jinġiebu minn pajjiż terz fit-territorju riferit fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC, bħalma huma portijiet u l-ajruport, għandhom jittieħdu dawn il-miżuri li ġejjin -

(a) ikunu verifikati ċ-ċertifikati jew dokumenti li jakkumpanjaw l-annimali u l-prodotti;

(b) annimali u prodotti tal-Komunita Ewropea għandhom ikunu soġġetti għar-regoli ta' kontroll stabbiliti fir-regolament 5;

(ċ) prodotti minn pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC;

(d) annimali minn pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/496/EEC.

(2) Madanakollu, b'deroga mis-sub-regolament (1), l-annimali jew il-prodotti kollha trasportati permezz ta' trasport regolari u dirett bejn it-territorju ta' Malta u punti ġeografiċi tal-Komunita Ewropea, għandhom ikunu soġġetti għar-regoli ta' kontroll provdut fir-regolament 5.

Verifiki li għandhom jitwettqu fil-post ta' destinazzjoni ta' kunsinna jew waqt it-trasport

8. (1) Jekk, matul verifika li titwettaq fil-post ta' destinazzjoni ta' kunsinna jew matul il-ġarr, is-Servizz Veterinarju jistabbilixxi -

(a) il-preżenza ta' aġenti responsabbli għal marda riferita fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 82/894/EEC, kif l-aħħar emendata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea 90/134/EEC u fit-tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji , *zoonosis* jew marda, jew xi kawża oħra li għandha mnejn tkun periklu serju għal annimali jew bnedmin, jew li l-prodotti jiġu minn reġjun kontaminat minn marda epiżotika, huma għandhom jordnaw li l-annimal jew il-kunsinna ta' annimali jitqiegħdu fi kwarantina fl-eqreb stazzjon ta' kwarantina jew jinqatlu u, jew jinqerdu.

L-infieq relatat mal-miżuri provduti fl-ewwel sotto-paragrafu għandu jintefa' fuq il-konsenjatarju jew ir-rappreżentant tiegħu jew il-persuna responsabbli għall-prodotti jew għall-annimali.

Is-Servizz Veterinarju għandu immedjatament jinnotifika bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni Ewropea, bil-mezzi l-aktar xierqa, bis-sejbiet li wasal għalihom, id-deċiżjonijiet meħuda u r-raġunijiet għaliex ittieħdu dawk id-deċiżjonijiet. Jistgħu jiġu applikati l-miżuri protettivi provduti fir-regolament 11.

(b) li, mingħajr preġudizzju għal punt (a), l-annimali u l-prodotti ma jilħqux il-kondizzjonijiet imfassla mil-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropea jew f'każ ta' garanziji addizzjonali kif misjuba taħt l-artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/432/EEC jew regoli Komunitarji ekwivalenti li huma jew għandhom jkunu adottati, mir-regoli nazzjonali tas-saħħa ta' l-annimali, huma jistgħu, kemm-il darba l-kunsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika jew ta' l-annimali

hekk jippermettu, jagħtu lill-konsenjatarju jew ir-rappreżentant tiegħu l-għażla ta'-

- manteniment ta' l-annimali u l-prodotti taħt superviżjoni sakemm ikun konfermat qbil mar-regoli, fejn ikunu preżenti fdalijiet, u fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-regoli, applikazzjoni tal-miżuri provduti mil-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropea,

- il-qtil ta' l-annimali jew il-qerda tal-prodotti, ir-ritorn ta' l-annimal jew il-kunsinna, bl-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li jibgħat u n-notifika minn qabel ta' kull Stat Membru ta' tranżitu.

Madanakollu, jekk iċ-ċertifikat jew dokumenti jinstabu li fihom irregolaritajiet, is-sid jew ir-rappreżentant tiegħu irid jingħata perjodu ta' grazzja qabel jinkorri għal din l-aħħar possibiltà.

(2) Skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, jistgħu jitfasslu lista tal-mard riferit fis-sub-regolament (1) mfassla mill-Kummissjoni Ewropeja tista tkun ippublikata u regoli dettaljati għal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament tista tiġi adottata skond ir-rekwiziti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura imniżżla taħt l-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Provisjonijiet dwar ir-regolament 8

9. (1) Fil-każijiet provduti fir-regolament 8, is-Servizz Veterinarju għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jibgħat, mingħajr dewmien, sabiex ikun jaf il-miżuri meħtieġa meħuda, in-natura tal-verifiki mwettqa, id-deċiżjonijiet meħuda u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet.

Jekk is-Servizz Veterinarju jkollu l-biża' li dawn il-miżuri mhumiex biżżejjed, huwa għandu, flimkien ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini, ifittex modi u metodi kif tkun rimedjata s-sitwazzjoni; jekk xieraq, dan jista' jinvolvi spezzjoni fuq il-post.

Fejn il-verifiki provduti fir-regolament 8 juru irregolaritajiet ripetuti, is-Servizz Veterinarju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra.

Is-Servizz Veterinarju tat-territorju ta' Malta jista, minn naħa tiegħu, jintensifika verifiki fuq annimali ġejjin mill-istess fond, ċentru, organizzazzjoni, suq approvat jew ċentru ta' ġabra jew reġjun. Fil-kuntest ta' l-ewwel paragrafu taħ dan is-sub-regolament, u fil-kas fejn Malta hija l-Istat Membru ta' tranżitu, is-Servizz Veterinarju irid japplika il-miżuri meqjusa għal-Stati Membri ta' tranżitu.

(2) Hlief fil-każijiet provduti sub-regolament (4) ta' dan ir-regolament , drittijiet ta' appell eżistenti taħt il-liġijiet fis-seħħ fit-territorju ta' Malta kontra deċiżjonijiet mis-Servizz Veterinarju ma għandhomx ikunu affettwati b'dawn ir-regolamenti.

Deċiżjonijiet meħuda mis-Servizz Veterinarju u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu notifikati lill-konsenjatarju jew lir-rappreżentant tiegħu u lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru minn fejn jintbagħtu.

Jekk il-konsenjatarju jew ir-rappreżentant tiegħu hekk jitlob, l-imsemmija deċiżjonijiet u raġunijiet għandhom jiġu mgħoddija lilu bil-miktub bid-dettalji tad-drittijiet ta' appell li huma għad-disposizzjoni tiegħu taħt il-liġi fis-seħħ fit-territorju ta' Malta u bil-proċedura u l-limiti ta' żmien applikabbli.

Madanakollu, fil-każ ta' kwistjoni, is-Servizz Veterinarju jista', jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini hekk jaqbel, fi żmien perjodu massimu ta'

xahar, jissottometti l-kwistjoni għall-valutazzjoni ta' espert li ismu jidher fuq lista ta' esperti tal-Komunità Ewropea;
Dawn l-esperti għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom f'mhux aktar tard minn 72 siegħa jew wara li jirċievu r-riżultati ta' xi analiżi. Is-Servizz Veterinarju għandu jimxi ma' l-opinjoni ta' l-espert, waqt li jagħti każ xieraq għal leġislazzjoni veterinarja tal-Komunita Ewropea korrispondenti.

(3) L-infieq tar-ritorn tal-konsenja, iż-żamma jew l-iżolament ta' l-annimali jew, jekk xieraq, il-qtil jew il-qerda tagħhom għandu jitħallas mill-konsenjatarju, ir-rappreżentant tiegħu jew il-persuna responsabbli għall-annimali jew għall-prodotti.

(4) Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati skond ir-rekwiżiti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Verifiki magħmula mill-Istati Membri fil-post ta' destinazzjoni

10. (1) Jekk matul xi verifika mwettqa fi Stat Membru fil-post ta' destinazzjoni ta' kunsinna jew matul il-ġarr, l-awtorità kompetenti tistabbilixxi -

(a) il-preżenza ta' aġenti responsabbli għal marda riferita fit-tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, xi *zoonosis* jew marda, jew xi kawża li tista' tikkostitwixxi periklu serju għall-annimali jew għall-bnedmin, jew li l-prodotti ġejjin mit-territorju ta' Malta jkunu kontaminati minn xi marda epiżotika,

(c) li, mingħajr preġudizzju għas-sub-regolament (1)(a), l-annimali u l-prodotti ma jilħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Direttivi tal-Komunità Ewropeja jew, fejn l-Istat Membru jikseb garanziji addizzjonali li ġew jew ser jiġu adottati, bir-regoli nazzjonali ta' saħħa ta' l-annimali, is-Servizz Veterinarju għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa u jinnotifika lill-awtorità kompetenti

ta' l-Istat Membru bin-natura tal-verifiki mwettqa, id-deċiżjonijiet meħuda u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet.

Jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni tibża' li dawn il-miżuri mhumiex biżżejjed, is-Servizz Veterinarju u l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandhom flimkien ifittxu modi u mezzi kif jirrimedjaw is-sitwazzjoni; jekk xieraq, dan jista' jinvolvi spezzjoni fuq il-post.

Fuq talba ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni -

(i) jistgħu jintbagħtu spetturi mill-Kummissjoni Ewropea;

(ii) jew veterinarju uffiċċjali, li jkun aċċettabbli mill-gruppi varji konċernati, jista' jkun imqabbad jivverifika l-fatti fuq il-post;

(iii) is-Servizz Veterinarju jista' jintalab jintensifika l-verifiki fuq il-fond, iċ-ċentru, l-organizzazzjoni, is-suq approvat jew iċ-ċentru ta' ġbir fit-teritorju ta' Malta.

Fil-frattemp tas-sejbiet ta' l-Istat Membru, is-Servizz Veterinarju jrid jintensifika l-verifiki fuq annimali u prodotti ġejjin mill-fond, ċentru, organizzazzjoni, suq approvat jew ċentru ta' ġbir fit-territorju ta' Malta, u jekk ikun hemm raġunijiet serji ta' saħħa pubblika jew għall-annimali, jissospendi l-ħruġ ta' kull ċertifikat jew moviment.

(2) Fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' ftehim, is-Servizz Veterinarju konċernat jista', jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni hekk taqbel, fi żmien perjodu massimu ta' xahar, jissottometti n-nuqqas ta' ftehim għall-valutazzjoni ta' espert li ismu jkun jidher fuq lista' ta' esperti tal-Komunità Ewropea.

Dawn l-esperti għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom fi żmien mhux aktar minn 72 siegħa jew wara li jirċievu r-riżultati ta' kull analiżi. Is-Servizz Veterinarju għandu joqgħod għall-opinjoni ta' l-espert, filwaqt li jagħti każ ta' leġislazzjoni veterinarja korrispondenti.

(3) L-ispejjeż għar-ritorn tal-kunsinna, iż-żamma jew l-iżolament ta' l-annimali jew, jekk xieraq, il-qtil jew qerda tagħhom, għandhom jaqgħu fuq il-konsenjatarju, ir-rappreżentant tiegħu jew il-persuna responsabbli mill-annimali jew mill-prodotti.

(4) Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-reolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 (4) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

KAPITOLU III
Disposizzjonijiet Komuni

Notifikazzjoni lill-Istati Membri u l-Kumisjoni Ewropeja dwar kull epidemija fit-territorju ta' Malta

11. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu immedjatament jinnotifika lill-Istati Membri u lill-Kummisjoni Ewropea dwar kull epidemija fit-territorju ta' Malta, flimkien mat-tfaqqiegħ ta' mard riferit fit-tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, ta' kull *zoonosis*, mard jew kawża oħra li għandhom mnejn jikkostitwixxu periklu serju għall-annimali jew għas-saħħa umana.

Is-Servizz Veterinarju għandu immedjatament jimplimenta l-kontroll jew miżuri ta' prekawzjoni provduti fir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond kif imniżżel fl-artikolu 5 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, b'mod partikulari l-għażla tal-*buffer zones* provduti f'dawk ir-regoli, jew jadotta kull miżura oħra li jqis meħtieġa.

Meta, waqt li tkun qed issir verifika riferita fir-reolament 5, is-Servizzi Veterinarji jistabilixxu l-eżistenza ta' waħda mill-mardiet jew kawżi riferiti fl-ewwel sub-paragrafu, jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jieħu l-miżuri ta' prekawzjoni provduti fir-regoli tal-Komunita Ewropeja u skond kif mniżżel fl-artikolu 15(5) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, inkluż it-tqegħid fi kwarantina ta' l-annimali.

Sakemm jseħħu l-miżuri meħuda mill-Kummisjoni Ewropeja, is-Servizz Veterinarju jista', fuq raġunijiet serji ta' saħħa pubblika jew ta' l-annimali, jieħu miżuri protettivi temporanji dwar il-fondi, ċentri jew organizzazzjonijiet konċernati jew, fil-każ ta' marda epiżootika, dwar il-*buffer zone* provduta taħt ir-regoli tal-Komunita Ewropea, u skond ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Il-miżuri meħuda għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri mingħajr dewmien.

(2) (a) Kif meħtieġ mill-Istat Membru msemmi fl-ewwel sub-paragrafu tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, wieħed jew aktar rappreżentanti tal-Kummissjoni jista jmur darba fil-post ikkonċernat għal-eżaminazzjoni, bil-kollaborazzjoni ta' l-awtorita kompetenti, bil-miżuri li ttieħdu, u għandu joħroġ opinjoni fuq dawk il-miżuri.

(b) Fejn, wara ċ-ċirkostanzi maħruġa taħt dawn ir-regolament jew fil-każ fejn l-istess sitwazzjoni sseħħ ġewwa Stat Membru ieħor, il-miżuri neċessarji huma adottati mill-Kummissjoni Ewropea għall-annimali u l-prodotti mniżżla fir-regolament 1 u, jekk is-sitwazzjoni hekk tirrikjedi, għall-prodotti ġejjin minn dawk l-annimali, il-miżuri rikjesti huma mmedjatament implimentati mis-Servizzi Veterinarji tat-territorju ta' Malta. Jekk ikun neċessarju, regoli dettaljati għal-applikazzjoni tagħhom għandhom jkunu adottati skond ir-rekwiżiti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(3) Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, u b'mod partikolari l-lista ta' *zoonosis* jew kawżi li għandhom mnejn jikkostitwixxu periklu serju għas-saħħa pubblika, skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Kollaborazzjoni ma dipartimenti ta' spezzjoni

12. Is-Servizz Veterinarju għandu jkun appuntat biex jagħmel verifiki veterinarji u sabiex jikkollabora mad-dipartimenti ta' spezzjoni ta' l-Istati Membri.

Regoli għal negozjanti li jagħmlu kummerċ intra-komunitarju f' annimali u prodotti

13. Fit-territorju ta' Malta n-negozjanti kollha li jagħmlu kummerċ intra-komunitarju f'annimali u, jew prodotti koperti bir-regolament 1 -

(a) huma meħtieġa, fuq talba tas-Servizz Veterinarju, li jirreġistraw minn qabel f'reġistru uffiċjali;

(b) iżommu rekord tal-konsenji u, għal min jirċievi riferit fir-regolament 5(1)(b)(iii), tad-destinazzjoni sussegwenti ta' l-annimali u l-prodotti. L-imsemmi rekord għandu jinżamm għal perjodu li jkun determinat mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji sabiex ikun preżentat fuq talba tas-Servizz Veterinarju.

Poteri mogħtija lis-Servizzi Veterinarji

14. Fit-territorju ta' Malta l-uffiċjali tas-Servizz Veterinarju, jekk xieraq b'kollaborazzjoni ma' l-uffiċjali ta' dipartimenti oħra li għandhom is-setgħa għal dak il-għan, ikunu kapaċi, b'mod partikolari biex -

(a) iwettqu spezzjonijiet fuq fondi, stallazzjonijiet, mezzi ta' trasport u proċessi użati għat-timbrar u għall-identifikazzjoni ta' annimali,

(b) jivverifikaw, fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti elenkati fl-Iskeda A, li l-ħaddiema jkunu konformi mal-ħtiġiet stabbiliti fit-testi riferiti f'dik l-Iskeda,

(c) jieħdu kampjuni minn -

(i) annimali miżmuma biex jinbiegħu, imqiegħda fuq is-suq jew trasportati;

(ii) prodotti meqjusa biex jinħażnu jew jinbiegħu, imqiegħda fuq is-suq jew trasportati,

(d) jeżaminaw materjal ta' dokumentazzjoni jew ta' *data processing* relevanti għall-verifiki mwettqa minbarra l-miżuri meħudin taħt dawn ir-regolamenti. Is-Servizz Veterinarju jrid jeħtieġ li l-fondi, ċentri jew organizzazzjonijiet ikunu verifikati biex jippermettu l-kollaborazzjoni meħtieġa biex jitwettqu l-ħidmiet imsemmija aktar qabel.

KAPITOLU IV
Disposizzjonijiet finali u transitorji

ANIMO

15. (1) Is-Servizz Veterinarju għandu juża s-sistema komputerizzata li tgħaqqad lill-awtoritajiet veterinarji ANIMO, sabiex, b'mod partikolari, tiffaċilita l-bdil ta' informazzjoni bejn is-Servizz Veterinarju tat-territorju ta' Malta fejn ikun inħareġ ċertifikat mediku jew dokument li jakkumpanja l-annimali u l-prodotti ta' oriġini ta' l-annimali, u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni.

(2) Dettalji fuq il-kontribut finanzjarju, u dawk neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm, għandha tkun adottata skond ir-rekwiżiti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura mniżżla taħt l-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Kummerċ fħannimali u prodotti elenkati taħt l-Iskeda B

16. Kummerċ fl-annimali u fil-prodotti elenkati fl-Iskeda B għandu, sakemm ikunu adottati r-regoli tal-Komunita Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-manteniment ta' xi regoli nazzjonali stabbiliti għall-identifikazzjoni ta' *batches*, ikun soġġett għar-regoli ta' kontroll stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropea, b'mod partikulari dawk imsemmija fit-tieni parti tas-sentenza tar-regolament 3 (1)(a).
Is-Servizz Veterinarju għandu jikkomunika Kummisjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-kondizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għall-kummerċ fl-annimali u l-prodotti riferiti fl-ewwel paragrafu.

Ir-regoli ta' kontroll provduti għall-annimali u l-prodotti riferiti fl-Iskeda A, għandhom ikunu estiżi għall-annimali u l-prodotti ta' oriġini annimali li għad mhumiex koperti b'din l-Iskeda, meta jkunu adottati regoli li jaqblu u li jirregolaw il-kummerċ fihom.

Armoniżżazzjoni tal-mudell ta' informazzjoni fuq verifiki mwettqa taħt dawn ir-regolamenti

17. Is-Servizz Veterinarju għandu jirraporta lill-Kummissjoni Ewropea, bl-użu ta' mudell armoniżżat, l-informazzjoni relevanti li tikkonċerna l-verifiki mwettqa skond dawn ir-regolamenti.

SKEDA A
KAPITOLU I
LEĠISLAZZJONI VETERINARJA
Sezzjoni 1

(a) (Tikkorrispondi mal-artikolu 8 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji "Movimiment ta' annimali ħajjin u prodotti ġerminali")

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/432/EEC tas-26 ta; Ġunju 1964 dwar problemi ta' saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-Kummerċ intra-komunitarju f'annimali bovini u majjali (OJ 121 29.07.64 P.1977).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 88/407/EEC ta' l-14 ta' Ġunju 1988 li jistabbilixxi l-ħtiġiet ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli għal kummerċ intra-komunitarju u importazzjoni ta' semen *deep-frozen* ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina (OJ L 194 22.07.88 p.10).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 88/556/EEC ta' 25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw kummerċ intra-komunitarju u importazzjoni, minn pajjiżi terzi, ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina (OJ L 302 19.10.89 p.1).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/426/EEC ta' 26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tal-politika ta' saħħa li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' *equidae* minn pajjiżi terzi (OJ L 224 18.08.90 p.42).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/429/EEC ta' 26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi l-ħtiġiet ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjonijiet ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi porċina (OJ L 224 18.08.90).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/539/EEC tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw kummerċ intra-komunitarju, u importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajd li jfaqqas (OJ L 303 31.10.90 p.6).

Regolament tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (EC) No 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002, li jistabilixxi regoli fuq is-saħħa dwar *by-products* minn annimali li mhux intiżi għall-konsum uman (OJ L 273 10.10.2002 p.1).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/67/EEC ta' 28 ta' Jannar 1991 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fuq is-suq ta' annimali u prodotti ta' akwakultura (OJ L 046 19.02.91 p.1).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/68/EEC ta' 28 ta Jannar 1991 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw kummerċ intra-komunitarju ta' annimali ovini u kaprini (OJ L 046 19.02.91 p.19).

(b) (Tikkorispondi ma Parti IX ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Annimali artikoli 22 u 26)

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/628/EEC tas-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' annimali matul il-ġarr u li temmenda d-Direttivi 90/425/EEC u 91/496/EEC (OJ No L 340, 11.12.1991, p.17).

Sezzjoni 2
(a)(Tikkorispondi ma' l-artikolu 8 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji "Moviment ta' Annimali ħajjin u prodotti ġerminali")

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/65/EEC tat-13 ta' Lulju 1992 jistabbilixxi l-ħtiġiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni ġewwa l-Komunita ta' annimali, semen, ova u embrijoni li m'humiex soġġetti għal regolamenti ta' saħħa mniżżla fir-regoli Komunitarji ta' l-Anness A (I) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 90/425/EEC (OJ L 268 14.09.92 p.54).

(b)(Tikkorispondi mal-artikoli 10 u 11 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji)

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/118/EEC tal-17 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u importazzjonijiet fil-Komunita ta' prodotti li mhumiex soġġetti għall-imsemmija ħtiġiet stabbiliti fl-Anness A(I) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 89/662/EEC u, fir-rigward ta' patogens, lid-Direttiva 90/425/EEC (OJ L 062 15.03.93 p.49).

KAPITOLU II

LEĠISLAZZJONI ŻOOTEKNIKA

(Jikkorrispondu mal-artikolu 34 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji)

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/504/EEC tal-25 ta' Lulju 1977 dwar annimali tar-razza pura għat-tgħammir ta' l-ispeċi bovina (OJ L 206 12.08.77 p.8).

Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 88/661/EEC tas-19 ta' Diċembru 1988 dwar *standards* żootekniċi applikabbli għal annimali għat-tgħammir ta' l-ispeċi porċina (OJ L 382 31.12.88 p.36).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/361/EEC dwar ngħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir (OJ L 153 06.06.89 p.30).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/427/EEC dwar kondizzjonijiet żootekniċi u ġinealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ intra-komunitarju ta' *equidae* (OJ L 224 18.08.90 P.55).

Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/174/EEC tal-25 ta' Marzu 1991 li jistabbilixxi l-ħtiġiet żootekniċi u ta' *pedigree* għall-bejgħ ta' annimali tar-razza pura u li temenda Direttivi 77/504/EEC u 90/425/EEC (OJ L 085 05.04.91 p.37).

SKEDA B

ANNIMALI U PRODOTTI LI MHUMIEX SOĠĠETTI GĦAL ARMONIZZAZZJONI IŻDA LI L-KUMMERĊ TAGĦHOM IKUN SOĠĠETT GĦALL-VERIFIKI PROVDUTI F'DAWN IR-REGOLAMENTI.

KAPITOLU I

Il-Leġislazzjoni Veterinarja ta' annimali oħra ħajjin mhux elenkati fl-Iskeda A, Kapitolu 1.

KAPITOLU II

Leġislazzjoni Veterinarja semen, ova u embrijoni mhux elenkati fl-Iskeda A, Kapitolu 1.

SKEDA Ċ

Lista ta' mard jew mard epiżootiku, soġġett għal azzjoni ta' emerġenza obligatorja, b'restrizzjonijiet teritorjali (teritorju ta' Malta, Stati Membri, reġjuni u żoni)

- Marda ta' l-ilsien u d-dwiefer (FMD)

- Mard klassiku tal-majjali (CSF)

- Mard Afrikan tal-majjali (ASF)

- Mard vesikulari tal-majjali (SVD)

- Marda *Newcastle* (ND)

- *Rinderpest* (pesta tal-bhejjem)

- *Peste des petits ruminants* (PPR)

- *Vesicular stomatitis* (VS)

- *Blue tongue*

- Mard Afrikan taż-żwiemel (AHS)

- *Viral equine encephalomyelitis*

- *Porcine enterovirus encephalomyelitis* (kienet il-marda Teschen)

- Influwenza Avjana (kienet il-pesta tat-tjur)

- *Sheep and goat pox* (ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż)

- *Lumpy skin disease*

- *Rift valley fever*

- *Bovine pleuropneumonia* kontaġġjuża